MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Numru 114/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Carmelo Magri)
**vs**
**Aaron Schembri**
**Gordon Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija ta' Aaron Schembri ta' 19 il-sena bin Edwin u Nathalie nee' Galea imwieled Pieta' fid-09 ta' Jannar 1984 u li joqghod 'Woodstock Flats' No1. , Triq is-Sajjieda, Bugibba. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 101584 (M).

U

Kontra Gordon Schembri ta' 16 il-sena bin Edwin u Nathalie nee' Galea mwieled Pieta' fis-07 ta' April 1986 u li joqghod 'Woodstock Flats' No1. , Triq is-Sajjieda,

Bugibba u Detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 207386 (M).

Talli:-

**Fil-konfront ta’ Aaron Schembri u Gordon Schembri flimkien:-**

Fit-28 ta’ Ottubru 2002 ghal-habta tas-7.00 ta’ fil-ghaxija ikkommettew serq ta’ LM 3500 fi flus kontanti minn garage sitwat fi Triq Lanzon  Tarxien ghad-detriment ta’ Oscar Schembri, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-persuna u bil-hin.

**Fil-konfront ta’ Aaron Schembri wahdu:-**

Talli mill-istess garage f’xi gurnata matul ix-xahar ta’ Settembru 2000 ikkommetta serq ta’ pistola tal-marka u numru serjali mhux maghrufa ghad-dannu ta’ Oscar Schembri minn Hal-Tarxien liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

**Fil-konfront ta’ Aaron Schembri u Gordon Schembri flimkien:-**

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u matul ix-xhur ta’ wara dawn id-dati f’Malta, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu  biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tat-22 t’Ottubru 2003 l-akkuzati ammettew l-akkuza ta’ serq skond kif kull wiehed gie akkuzat.
Rat li -akkuzati tennew l-ammissjoni wara li l-Qorti fissritilhom x’jigifieri ammissjoni, u dan fil-prezenza ta’ difensur taghhom Dottor Joseph Fenech.

Issibhom hatja, fil-konfront ta’ Aaron Schembri ta’ l-ewwel zewg akkuzi u fil-konfront ta’ Gordon Schembri ta’ l-ewwel akkuza.

Issibhom hatja, fil-konfront ta’ Aaron Schembri l-artikoli 261, 263, 267, 268, 270 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Rat fil-konfront ta’ Gordon Schembri l-artikoli 261, 263, 267, 268, 270 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Issib l-akkuzati hatja tar-reati imsemmija tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tilliberahom mill-ahhar akkuza (ricettazzjoni).

Stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzati, fil-waqt li qed issibhom hatja tapplika l-artikolu 7 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal-zmien tlett (3) snin u qed tfisser lill-hatja l-implikazzjonijiet kollha u qed tqeghdhom that is-sorveljanza ta’ Ufficcjal tal-Probation li ghandu jigi mahtur mid-Direttur tal-Probation meta jircievi kopja ta’ din is-sentenza.]

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------